MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2011

Numru. 884/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**

**KONTRA**

**JOSEPH GATT ta' 56 sena, iben Joseph u Mary nee' Galea, imwieled il-Belt Valletta nhar it-22.08.1955, residenti fil-fond Block C3, Flat 6, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Ta' Xbiex, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 615655M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Joseph Gatt** li gie akkuzat talli:

Fil-Marsa, fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Ottubru, 2004, ikkommetta serq ta' kwantita' ta' kaxxi bil-laham li jiswew

madwar Lm20,000.00 kif ukoll serq ta' somma flus ta' aktar minn Lm600.00 fi flus kontanti mill-fabbrika 'The Food House Marketing Ltd', sitwata A25, Triq Guzeppe Garibaldi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, u bil-valur li jeccedi Lm1,000.00 u li sar ghad-detriment tas-sidien ta' l-imsemmija fabbrika;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' zewg vetturi, u li ghandhom in-numru tar-registrazzjoni DBL362 u GBC362 u li huma stmati aktar minn Lm1,000.00-il wahda, u liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment tas-sidien ta' 'The Food House Marketing Ltd.', u tas-sidien tal-kumpanija 'FX Garage Co Ltd.' rispettivament'

U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-Lm50.00 izda anqas minn Lm500.00, u li saret ghad-detriment tas-sidien ta' 'The Food House Marketing Ltd.', u tas-sidien tal-kumpanija 'FX Garage Co Ltd.';

U finalment talli nhar il-11 ta' Ottubru, 2004, u fil-jiem ta' qabel din id-data, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, u cioe' laqa' ghandu 'l fuq minn erba' mitt kaxxa tal-laham tal-friza rapurtati misruqa mill-fabbrika 'The Food House Marketing Ltd.', sitwata fi Triq Garibaldi, Marsa, u dan sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom.

Rat illi l-imputat fi stadju ta' interrogatorju wiegeb illi ma kienx hati ta' l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, taht liema hemm mahsub li tista' tinstab htija, u cioe':

a. Fl-Artikoli 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280, u 281 tal-Kodici Kriminali;

b. Fl-Artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 278, 279, 280, u 281 tal-Kodici Kriminali;

c. Fl-Artikoli 325 tal-Kodici Kriminali;

d. Fl-Artikoli 334 tal-Kodici Kriminali;
e. Fl-Artikoli 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat illi a folio 200, moqrija l-Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

L-Ispettur Anthony Portelli xehed dwar is-serqa li grat minghand is-socjeta' 'The Food House Marketing Ltd.', fejn kien cempillu certu Jean Pierre Busuttil u rrapurtalu li gew sgassati 13-il container mibdula fi freezers mimlija b'ammont konsiderevoli ta' laham.

Ghalhekk l-istess Spettur acceda fuq il-post u hemm gie moghti minghand Busuttil kaxxa li kien fiha numru miktub, cioe' l-batch number tal-laham fiha kontenut.

Kompla bl-indagni tieghu l-istess Ufficjal Prosekutur, u fuq informazzjoni, flimkien ma' l-Ispettur Anglu Caruana accedew ghand Joseph Gatt l-imputat. Hawn kellhom anke Mandat ta' Tfittxija minghand il-Magistrat Inkwirenti. Miftuha l-freezers ghand Joseph Gatt sabu tliet saffi ta' kaxxi bhal ma ezebixxa Dok AP li gab minghand Busuttil id-derubat. Jghid l-Ispettur Portelli li l-Magistrat anke ordnat in-nomina tal-Perit Valerio Schembri sabiex jiehu notamenti u jelenka l-affarijiet li kienu ser jinhargu minghand Gatt u jaghti struzzjonijiet biex jigu stored.

Issa l-Ispettur Portelli anke xehed illi stante t-tul ta' din l-operazzjoni, huwa anke talab lill-Magistrat Inkwirenti estensjoni tal-hin tal-arrest.

Ftakar l-Ispettur illi nstabu 397 cases ta' beef fillet, u 37 cases of knuckles.

Issa l-Ispettur Portelli xehed ukoll dwar dak illi waqt l-arrest verbalment Gatt qal lill-pulizija – dan wara gie kkonfermat anke fl-istqarrija minnu rilaxxata. Pero kemm dak li ntqal verbalment waqt l-investigazzjoni tal-pulizija, kif ukoll l-statement, ma gewx mehuda taht il-kappa tad-dritt tal-parir legali – ghaldaqstant din il-Qorti ha tiskarta dak li jirrizulta mit-tnejn.

Jean Paul Busuttil xehed illi l-kumpanija tieghu ‘The Food House Marketing Ltd.’, li qieghda fil-Marsa, sofriet sgass u sussegwenti serq ta’ fillets u knuckles. Qal illi nsterqulu 4608.70 kilos ta’ fillets, warehouse cost ta’ Lm19,711.00. Insterqulu tip iehor ta’ beef fillet ghall-ammont ta’ 51.60 kilos valur ta’ Lm228.70 u 1,043.10 kilos knuckles valur ta’ Lm1,295.00. Dawn kien rahom fejn gew ordnati li jigu mizmumin mill-Magistrat Inkwirenti gewwa Borg Cold Stores. Qal illi hu kien jaghraf il-laham ghax il-manifattur jaghmel sticker fuq il-kaxxa li taqbel man-numru fuq l-invoice tieghu, ghalhekk l-invoice li jkun baghtlu l-manifattur ikollha fuqha sticker kif ikollha l-kaxxa. Ghalhekk bhall-kaxxa li hu ta lis-CID, kull kaxxa n-numru taghha jikkombaca ma’ l-invoice.

Xehed ukoll li meta accede fil-cold rooms tiehgu sab anke laham iehor barra, li pero rega’ dahhal fil-freezers u ma gralu xejn. Xehed ukoll fuq zewg vannijiet li nsterqulu fis-serqa - wiehed tal-kumpanija u l-iehor mikri mis-socjeta’ FX Garage li aktar tard instabu gewwa r-Rikasoli. Qal ukoll illi nsteraqlu l-cash float, circa Lm653.00.

Rega’ xehed Jean Paul Busuttil, ezebixxa l-pagament originali tal-bank li tramite tieghu thallset il-merkanzija, Dok JB, ricevuti kollha ta’ l-ispejjez li thallsu Malta, erbgha Dok JB1, l-original tal-fax li tkopri l-merkanzija minghand il-bejjiegha ta’ l-istess Dok JB2, JB3 hija l-invoice ta’ l-istess merkanzija (folio 76).

Charles Farrugia huwa wiehed mill-impjegati tas-socjeta’ derubata. Kien l-impjegat (storekeeper) li meta dahal ghax-xoghol hemm sab u nduna bl-isgass, ra l-freezers kollha miftuhin, anke bix-xoghol barra, il-vannijiet li ma kinux f’posthom. Mar ukoll fl-ufficju, ra t-taqlib anke hemm. Qal illi ra l-lifter u l-pelletiser li jintuzaw biex tinhall u tigi stivata l-merkanzija ma kinux f’posthom. Xehed ukoll illi l-gurnata ta’ qabel is-serqa kien ghadu kif wasal beef fillet u beef knuckle li kien f’ammont kbir.

Kevin Calleja, logistics manager mal-kumpanija derubata, xehed illi anke hu, fuq telefonata ta’ Charles Farrugia,

meta acceda fuq il-fond sab anke l-kartiera tieghu nieqsa mil-iskrivanija tieghu. Ra wkoll l-isgass tax-shutters kif ukoll li l-vannijiet kienu neqsin.

Gew ezebiti wkoll ir-relazzjonijiet kollha ta' l-esperti gia' nominati fl-Inkjesta, ghajr dik tal-PL Juliana Scerri Ferrante, li fil-fatt giet ezebita fl-Inkjesta nnifisha.

Xehdu wkoll l-Ispettur Angelo Caruana u l-Ispettur Jesmond Borg.

L-Ispettur Caruana xehed ukoll dwar is-serq ta' fillets provenjenti mill-Brazil, dan ghax anke spicca jghin lill-Ispettur Portelli fuq l-istess. Ghalhekk, fuq informazzjoni, huma marru f'post fl-Imriehel gewwa l-Hamrun, fejn hemm sabu lill-imputat. Indikalu li kellhom Mandat ghal Tfittxija. Qalulu li kienu qed ifittxu laham misruq u minn jeddu qallhom 'Qieghed hawn.' Minn hawn gie nfurmat il-Magistrat Inkwirenti, u nhatru l-esperti. L-Ispettur Anglu Caruana anke xehed dwar il-fatt illi l-imputat kien anke qallu li xi persuni kienu avvicinawh u talbuh izommilhom xoghol tal-friza misruq, dan versu s-somma lilu offerta ta' Lm1,000.00 li hu accetta ghax kellu problemi mal-bank. Fil-fatt kif qal lill-Ispettur Caruana, kienu hadulu x-xoghol u dahhlu fil-friza. Kien anke prezenti ghall-istqarrija fejn l-imputat rega' ammetta l-involviment tieghu fir-ricettazzjoni.

L-Ispettur Jesmond Borg xehed ukoll dwar is-serqa tal-vannijiet u fuq is-serq tal-laham.

Ikkunsidrat, wara anke li rat in-noti tal-partijiet, illi fl-ewwel lok tibda din il-Qorti biex tezamina anke hi zewg punti akkademici (biex tikkwota l-ewwel sentenza tal-Qorti Kriminali ta' l-Appell, riferuta fin-nota tal-Prosekuzzjoni, Rikors Numru 366/2009), dan dwar kif giet kondotta l-Ingenere u n-nuqqas tan-nomina ta' espert li ezebixxa r-relazzjoni tieghu fl-Istruttorja.

Illi din il-Qorti hi ben konxja mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali msemmija, ghalkemm mhix decizjoni li Hi fil-principju tabbraccja. Certament din id-decizjoni tirrispekkja ad verbatim dak li jghid l-Artikolu 546(2), pero

dan ghandu jittiehed anke fil-kuntest ta’ meta gie dan legislat, stante li llum isemmi valur irrizorju ta’ €23.29. Certament il-presenza f’access ta’ Magistrat Inkwirenti, bin-natura u ammont ta’ xoghol li huma rinfaccati bihom il-Qrati llum, qatt ma kellu jkun wiehed marbut ma’ valur daqstant zghir u nsinjifikanti. Fil-fatt huwa ghalhekk li Magistrat Inkwirenti jahtar l-esperti tieghu, li fil-verita’ bhal dawk teknici, ghalkemm jircievu l-istruzzjonijiet minghand l-Inkwirenti, huma huma li ghandhom il-vera sengha u hila f’dawn it-tip ta’ investigazzjonijiet bhal periti arkitetti u periti fil-kamp ta’ l-informatika. Oltre dan, il-Magistrat Inkwirenti, apparti li tahtar lill-Ispettur biex jikkonduci l-investigazzjonijiet (gia’ xogholu), fiz-zminijiet tal-lum, zminijiet ben muniti b’mezzi ta’ komunikazzjoni facli u espedjenti, izomm kuntatt kontinwu ma’ l-esperti tieghu. Dan mhux facli mifhum ghal min mhux solitu li jikkonduci Inkjesta.

Problema ohra naxxanti mill-Inkjesta kienet dik imqajma minn din il-Qorti stess waqt il-mori tal-kawza, u cioe’ n-nuqqas ta’ nomina fl-Inkjesta tal-Perit Valerio Schembri. Certament din il-Qorti tinsab konvinta li la l-Ispettur Portelli u lanqas il-Perit Valerio Schembri ma holmu din in-nomina. Fil-fatt biex din il-Qorti torbot ma’ l-argument gia’ msemmi qabel, cioe’ kemm illum Magistrat Inkwirenti jzomm kuntatt ma’ l-esperti tieghu, nonostante li ma jkunx dejjem prezenti ghall-access, li gara u dan jirrizulta mix-xhieda stess ta’ l-Ispettur Portelli, kien li din in-nomina li kien hemm bzonn tal-Perit Arkitett, inhasset meta issa misjub il-laham, inhass il-bzonn illi dan jigi trasportat f’post iehor. Illi pero il-kjarezza ta’ l-esperti nominati minhabba l-effett li tali ghandhom fl-Istruttorja, quddiem Qorti ta’ Gudikatura Kriminali u Jury, huwa necessarju tant li n-nomina taghhom ghandha tkun wahda cara u specifika ghall-inkarigu lilhom moghti. Ghalhekk f’dan ir-rigward taqbel mad-Difiza li espert li m’ghandux nomina cara jew sahansitra mankanti fl-Inkjesta, mhux meqjus fit-tieni lok hekk nominat u fl-ewwel lok jista’ jmur oltre viris in-nomina tieghu.

Issa din il-Qorti gia’ qalet illi dawn il-punti minnha elevati kienu ghal kollox akkademici, dan ghaliex l-akbar

problema f'dan il-process hija l-prova ta' xjenza tal-provenjenza tal-laham misjub ghand l-imputat.

Certament l-imputat ammetta dan kollu, kemm viva voce ma' l-Ispettur Caruana, kif ukoll fl-istqarrija tieghu. L-ebda wahda minn dawn l-istqarrijiet ma jirrizulta li nghatat bid-dritt ta' konsulenza legali (del resto l-istess imputat talab dan lill-Ispettur Caruana, li gustament wiegbu ghax hekk kienet is-sitwazzjoni dak iz-zmien, li dan id-dritt ma kienx wiehed sancit bil-Ligi). Issa ghalhekk din il-Qorti hija anke hawn rinfaccata b'sitwazzjoni ferm anomala fejn ghandha proprjeta' certament misruqa mizmuma u hekk misjuba ghand l-imputat, pero fil-verita', mancando l-ammissjoni tieghu, m'hemmx prova tax-xjenza tal-provenjenza. Terga' tirritjeni li din il-Qorti hija konvinta mill-htija ta' l-imputat qua ricettatur, pero nonostante cio', biss minhabba din it-teknikalita', ser ikollha tilliberah, mhux biss mill-akkuzi l-ohra, li certament fil-konfront tieghu ma gewx pruvati, imma anke minn dik stess minnu ammessa ta' ricettazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------